IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 40

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **L-Erbgħa 22 ta' Settembru 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**SKUŻAT:**

Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**40.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

40.1.1 Il-Viċi-Sindku, is-Sur Christopher Cassar talab biex ikun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol. Apoloġija approvata.

40.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel talab biex ikun skużat minħabba appuntament li għandu fl-istess ħin tal-laqgħa. Apoloġija approvata.

40.1.3 Is-Sindku qal li hemm bżonn li għal laqgħa tal-kunsill ikun preżenti kulħadd biex kulħadd ikun jaf x'qed isir fil-ħidma tal-kunsill u ankè jingħataw suġġerimenti. Għaldaqstant is-Sindku talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex il-kunsilliera jkunu komunikati bid-data tal-laqgħa li jkun imiss, fi tmiem din il-laqgħa tal-kunsill.

**40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

40.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 39 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**40.3 Korrispondenza**

40.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Joanne Attard Mallia mill-Valletta Cultural Agency dwar is-seminar li se jsir fil-Valletta Design Cluster l-Erbgħa 29 ta' Settembru rigward l-applikazzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031.

40.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Clyde Axisa minn Infrastructure Malta b'ritratti li hu bgħat lis-Sur Noel Gauci minn Infrastructure Malta wkoll, ta' Triq La Vallete fejn jidher li ċerti partijiet mit-triq, it-tarmak diġà qed jinqala.

40.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Neville Galea mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qed jinforma lill-kunsill li l-applikazzjoni għall-Espressjoni ta' Interess – Belt jew Raħal Kulturali 2022, mhix eleġibbli. Il-korrispondenza tgħid li l-programm propost mill-kunsill ma' jilħaqx l-objettivi f'Artiklu 2 tal-linji gwida.

40.3.4 Preżentati żewġ kwotazzjonijiet għal sistema tas-sound fis-swali ta' fuq tal-Berġa ta' Franza, waħda għax-xiri u x-xogħol tal-wire tas-sistema u l-oħra għax-xiri tal-apparat. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera approvaw l-irħas offerta tal-ewwel stima biss, li kienet tal-kumpanija A-Sound. It-tieni stima għalissa mhix se tkun approvata minħabba raġunijiet ta' finanzi. B'hekk ikun jista' jsir u jitlesta x-xogħol ta' wiring mit-trinek li hemm fil-ħitan.

40.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku liż-żewġ għaqdiet taż-żgħażagħ taż-żewġ festi tal-Birgu sabiex jiġu diskussi opportunitajiet ta' finanzjament minn skemi tal-Unjoni Ewropea bl-għajnuna tas-Servizzi Ewropej f'Malta .

40.3.6 Preżentati stimi għal xogħol fuq ħawt kbir li jinsab fin-nofs bejn Triq San Lawrenz u Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ankè l-irħas offerta hi xi ftit jew wisq għolja u għaldaqstant għandhom jintalbu stimi oħra qabel tittieħed deċiżjoni. Apparti l-ħawt, kien hemm bżonn ukoll li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq ċint li hemm fil-viċin tal-ħawt.

40.3.7 Preżentata l-applikazzjoni li ntbagħtet lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq f'Malta dwar Triq Wenzu Attard (Pilota tal-Port 1897-1964) u li għaliha għad m'hemmx risposta.

40.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joe Attard CEO tal-GreenMT. F'din il-korrispondenza mibgħuta lill-kunsilli lokali kollha, qed issir notifika importanti rigward il-ġbir ta' skart riċiklabbli u l-prassi li bidlet il-Wasteserv Malta Limited dwar skart kontaminat. Is-Sur Gatt qed jinforma lill-kunsilli li l-ispiża tal-iskart kontaminat li qed jeħlu GreenMT mill-Wasteserv irid jitħallas mill-kunsilli lokali u mhux mill-iskema. Is-Sindku qal li dan ifisser li jekk din tidħol fis-seħħ, se jiżdiedu l-ispejjeż għall-kunsill. Fl-istess waqt jekk ma tinstabx soluzzjoni, is-Sindku qal li minn ħin għall-ieħor, tista' tfaqqa' xi tilwima industrijali mill-iskema.

40.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mark Causon bil-minuti tal-ewwel laqgħa li saret online tal-proġett MEDIA4ALL fejn il-kunsill lokali jinsab partner f'dan il-proġett.

40.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gorg Borg D'Anastasi għal talba ta' informazzjoni dwar il-kunsilliera u d-dekasteri tagħhom sabiex tibda tinbena l-mobile application tal-Birgu.

40.3.11 Preżentata l-korrispondenza kollha dwar it-talba li għamel is-Sur Jonathan Bonello, sid ir-restaurant TAL-PAPAS sabiex tingħalaq Triq Desain għal ikla organizzata minn entità volontarja fil-Birgu. Ma' din il-korrispondenza, hemm ukoll email mis-Supretendent tal-Għassa ta' Bormla b'dettalji ċari ta' x'għandu u x' ma għandux isir biex din l-attività tkun organizzata. Parti mill-korrispondenza tinkludi wkoll ittra li l-kunsill bgħat lis-Sur Bonello sabiex jinfurmah li għandu l-permess tal-kunsill biex tingħalaq it-triq bil-kundizzjoni li l-ewwel jaslu l-uffiċini tal-kunsill, il-permessi meħtieġa l-oħra mill-awtoritajiet konċernati.

40.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Avukat David Bonello dwar id-differenzi li hemm fil-bilanċ tal-ispejjeż u tal-kera ta' parti mill-garaxx tal-kunsill fiż-żona f'Tal-Ħawli li jinsab mikri lis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz. Is-Sindku qal li jkun aħjar jekk issir laqgħa mal-membri tas-soċjetà u mal-Avukat ħalli dawn id-differenzi jiġu ċċarati u jkun iffirmat il-kuntratt.

40.3.13 Preżentata korrispondenza mill-Avukat David Bonello dwar il-każ tas-Sur Colvin Duca, ex-impjegat tal-kunsill lokali taħt l-iskema ħaddiema fil-komunità. L-Avukat Bonello qed jinforma lill-kunsill li ikkomunika mal-Avukat tas-Sur Duca u qal li l-ġenituri qed jaċċettaw li jingħata kumpens, liema kumpens għandu jkun deċiż mill-kunsill stess u mhux minnhom. Min-naħa l-oħra, l-Avukat Bonello informa lill-kunsill li biex jirrispondi għall-kawża tal-qorti, għandu bżonn erba' mija u ħamsin Ewro (€450) b'relazzjoni ma' spejjeż u *fees* tal-kawża. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li dawn jitħallsu.

40.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat tal-Vittoriosa Stars F.C. rigward il-*padel court* li kellu jsir fiż-żona ta' wara l-grawnd tal-Fortini. F'din il-korrispondenza, il-kumitat tal-Vittoriosa Stars F.C. ma jaqbilx għal diversi raġunijiet mal-kuntratt li ħejja l-kunsill bl-għajnuna tal-avukat. Dan il-kuntratt kien intbagħat lill-kumitat sabiex jarawh u jiddiskutuh u jiġu lura bil-proposti tagħhom iżda minflok iddeċidew li jwaqqfu din il-korrispondenza rigward is-suġġett u l-padel court ma jsirx.

**40.4 Kapitali Ewropea tal-Volontarjat 2023**

40.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' ftit informazzjoni dwar il-konferenza li saret f'Berlin, il-Ġermanja dwar il-Kapitali Ewropea tal-Volontarjat 2023. Din saret bejn it-13 u l-14 ta' Settembru 2021 fejn ghaliha attendew ukoll l-Avukat Noel Camilleri, is-Sur Mauro Pace Parascandalo Chairman u CEO tal-Kunsill għas-

Settur tal-Volontarjat u s-Sur Robert Farrugia. Is-Segretarju qal li l-preżentazzjoni tal-Birgu kienet waħda tajba fejn dawk preżenti ħadu interess qawwi f'dak li kien qed jiġi preżentat lilhom.

40.4.2 L-Aġent Segretarju qal li s-Sur Mauro Pace Parascandalo għamel il-preżentazzjoni tal-kandidatura tal-Birgu flimkien ma' ħames minuti ta' filmat miġbud mill-Kunsill Malti għall-Volontarjat dwar il-volontarjat fil-Birgu liema filmat kien meħud b'mod professjonali. Mal-preżentazzjoni tal-Birgu, kien hemm ukoll il-preżentazzjoni tat-tliet kandidati l-oħra.

40.4.3 L-Aġent Segretarju qal li fl-ewwel jum żaru diversi inizjattivi lokali tal-volontarjat mal-komunità, liema inizjattivi kienu interessanti ħafna u li faċilment jistgħu jiġu b'xi mod applikati f'beltna.

**40.5 Assoċjazzjoni CoPaM**

40.5.1 Is-Sindku qal li l-konferenza tal-assoċjazzjoni CoPaM kienet interessanti ħafna u li fiha ġabret ħafna membri minn pajjiżi differenti. Is-Sindku qal li diġà propona biex fil-futur, issir konferenza tal-assoċjazzjoni fil-Birgu. Preżenti jakkumpanja lis-Sindku kien hemm ukoll is-Sur Matthew Balzan, Senior Curator tal-Forti ta' Sant' Anġlu.

40.5.2 Is-Sindku qal ukoll li permezz ta' din l-assoċjazzjoni, se jkun qed jaħdem biex Sant' Anġlu jkun meqjus waħdu bħala UNESCO World Heritage peress li bħalissa jinsab fuq din il-kriterja mal-fortifikazzjonijiet tal-Kottonera.

40.5.3 Is-Sindku spjega kif għal din l-assoċjazzjoni, kull min hu membru fiha, se jħallas miżata skont id-daqs tal-popolazzjoni peress li f'każijiet bħalna, il-popolazzjoni mhix tal-istess daqs bħal membri oħra.

**40.6 Jum il-Volontarjat 2021**

40.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li nhar il-Ħadd 5 ta' Diċembru 2021 jaħbat il-Jum il-Volontarjat u għaldaqstant, la darba qed nikkompetu għat-titlu ta' Kapitali tal-Volontarjat, ikun xieraq ukoll li ssir attività li fiha tiġbor l-għaqdiet volontarji kollha tal-Birgu.

40.6.2 Is-Sindku qal li jkun tajjeb li din l-attività tintrabat mat-tħabbira tar-rebbieħ tat-titlu, peress li dan se jkun qed jitħabba fil-bidu ta' Diċembru li ġej.

**40.7 Skema tal-Milied 2021**

40.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-kunsill ċirkulari *SPI/SCO/6/2021 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021* fejn id-dipartiment qed jinforma lill-kunsilli lokali b'din l-iskema għal attivitajiet tal-Milied iffinanzjati mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

40.7.2 Is-Sindku talab biex ikunu approvati d-dati għal dawn l-attivitajiet li hu qed jipproponi, jiġifieri; 10, 11 u 12 jew 17, 18 u 19 ta' Diċembru. Il-kunsilliera preżenti qablu li mmorru għas-17 u 18 ta' Diċembru (il-Ġimgħa u s-Sibt).

40.7.3 Is-Sindku qal li l-kunsill irid iżid għaxra fil-mija (10%) mal-ispiża li se jiġi ffinanzjat biha, skont kif mitlub fiċ-ċirkulari. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

40.7.4 Fost il-ftit ideat li ħarġu waqt il-laqgħa, issemmew l-involviment tal-baned tal-lokal, siġra tal-Milied fil-Pjazza, aktar tiżjin mat-toroq tal-Birgu, korijiet tat-tfal fosthom, tal-iskola u li s-Sibt filgħaxija ssir bħall-Birgu by candlelight iżda jkun hemm mixgħula wkoll id-dwal tal-Milied u jintefa' d-dawl tat-toroq (street lighting).

**40.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

40.8.1 Il-Kunsillier Jason Portelli staqsa lis-Sindku jekk iż-żjara privata mal-Papa Franġisku għadhiex se ssir. Is-Sindku qal li ma kellu ebda komunikazzjoni min-naħa tal-Ambaxxatur Frank Zammit dwar din iż-żjara.

40.8.2 Il-Kunsillier Jason Portelli talab biex issir tabella fi Triq Wenzu Dyer fejn jintefa' ħafna żibel sabiex ir-residenti ma jħallux aktar żibel f'din iż-żona. Dan wara li kellu diversi ilmenti minn persuni li joqgħdu qrib din iż-żona.

40.8.3 Is-Sindku għamel referenza għall-attivitajiet ta' Jum il-Birgu fejn qal li tul dak kollu li ġie organizzat, kien organizzat tajjeb ħafna b'mod speċjali Jum il-Birgu nhar is-7 ta' Settembru. Is-Sindku faħħar id-diskors tal-okkażjoni li sar mill-Kanonku Stephen Attard u mill-omelija li għamel il-Pirjol Fr Aaron Zahra waqt il-quddiesa.

40.8.4 Is-Sindku wera diżappunt però li għall-quddiesa u ċ-ċerimonja fil-Knisja tal-Lunzjata mhux kulħadd attenda u kien sorpriż meta fil-Pjazza sab numru ta' membri ta' għaqdiet jistennew biex ipoġġu l-kuruni tar-rand mal-Monument tal-Vitorja. Is-Sindku qal li Jum il-Birgu huwa ta' kulħadd u għalhekk kien jistenna li f'dan il-jum jattendi kulħadd, irrelevanti fejn issir il-quddiesa u ċ-ċerimonja li din id-darba saru fil-Knisja tal-Lunzjata minħabba li kienet sena ċentinarja.

40.8.5 Il-kunsillier Jason Portelli li azzjoni bħal din diġà saret fil-passat mill-festa l-oħra iżda xorta jikkundanna l-aġir taż-żewġ festi għax il-ħażin li għamel wieħed m'għandux jitpatta b'azzjoni ħażina tan-naħa l-oħra.

40.8.6 Is-Sindku qal li hemm bżonn li l-kunsill jieħu azzjoni u jlaqqa' l-partijiet konċernati sabiex ċerti piki żejda jinqagħtu għax mhux jagħmlu ġieħ lill-Belt Vittoriosa. Is-Sindku qal li jekk hemm bżonn isejjeħ għall-Arċipriet u lill-Pirjol biex jiġu diskussi dawn it-temi importanti.

**40.6 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 30** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6081** sa **BOV 6110** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer*** u **l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 31** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6094** sa **BOV 6097** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer*** b'relazzjoni mal-attivitajiet ta' **Jum il-Birgu 2021**. Il-Kunsilliera preżenti approvawhom b'mod unanimu.

**40.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta` filghaxija (7:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir il-Ġimgħa 22 ta` Ottubru 2021 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **22 ta' Ottubru 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |